# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tlieta (3) ta' Ġunju 2021**

**Rikors Numru 115/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Francois Zammit**
**(ID 366370M)**

**Vs**

**Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku**
**Avukat tal-Istat**
**Onorevoli Prim Ministru**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 1 ta' Lulju 2020, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi r-rikorrent kien impjegat fil-Korp tal-Pulizija bħala Kuntistabbli bin-numru tas-servizz 1608, u dam hekk impjegat għal tnax (12)-il sena;*

    2. *Illi f'Lulju tas-sena 2007 ir-rikorrent tressaq il-Qorti b'arrest u ġie akkużat talli:*

*Bejn April 2006 u Ġunju 2007, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Floriana, b'mezzi kontra l-liġi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew ta' setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' bejn Lm200 u anqas minn Lm500 bi ħsara ta' ħaddieħor u ċioe' l-Gvern ta' Malta;*

*U aktar talli fl-istess dati, post u ċirkostanzi, bi ħsara ta' ħaddieħor u ċioe' l-Gvern ta' Malta, għamel qliegħ b'qerq ta' bejn Lm200 u anqas minn Lm500;*

*U aktar talli fl-istess dati, post u ċirkostanzi, iffalsifika ċedola, polza, ordni jew dokument ieħor, illi meta jiġu preżentati wieħed jista' jirċievi bihom ħlas, jew kunsinna ta' xi oġġetti jew jiġbor depożitu jew rahan minn uffiċċjal pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku mwaqqaf jew magħruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;*

*U aktar talli, fl-istess dati, post u ċirkostanzi bħala uffiċċjal jew impjegat pubbliku, minħabba l-kariga jew l-impjieg tiegħu fejn kien fid-dmir li jagħmel jew jagħti dikjarazzjoni jew ċertifikat, għamel jew ta dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz;*

*U aktar talli, fl-istess dati, post u ċirkostanzi kiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, billi xjentement għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz;*

*U aktar talli fl-istess dati, post u ċirkostanzi bħala uffiċċjal jew impjegat pubbliku sar ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minħabba l-kariga tiegħu, huwa kellu d-dmir li jimpedixxi;*

3. *Illi r-rikorrent ma ngħatax id-dritt li jiġi interrogat fil-preżenza ta' avukat;*

4. *Illi permezz ta' sentenza datata s-26 ta' Marzu 2008, ir-rikorrent ġie liberat mit-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet u dan peress illi ma jirriżultawx, filwaqt li nstab ħati tal-ewwel, il-ħames u s-sitt akkużi u ikkundannat għal perjodu ta' għaxar xhur priġunerija, sospiżi għal sena. Inoltre, il-Qorti b'żieda mal-piena, ordnat l-interdizzjoni perpetwa u ġenerali tar-rikorrenti;*

5. *Illi r-rikorrent appella minn din is-sentenza, pero' din ġiet ikkonfermata fl-intier tagħha fl-Appell permezz ta' sentenza datata s-17 ta' Settembru 2008;*

6. *Illi nhar it-30 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrent irċieva ittra datata t-23 ta' Ottubru 2008, li permezz tagħha ġie infurmat mill-Kap tad-Dipartiment tiegħu, ossia l-Kummissarju tal-Pulizija, illi huwa ġie mkeċċi u l-impjieg tiegħu tterminat b'effett mit-22 ta' Ottubru 2008 u dan wara illi l-Prim Ministru, li aċixxa fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar Servizz Pubbliku, approva din l-istess Rakkomandazzjoni (vide kopja annessa u mmarkata bħala Dok FZ1);*

7. *Illi din id-deċiżjoni ttieħdet bi ksur ta' dak stipulat fir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja Konst 03) u dan peress illi l-mittenti qatt ma ġie infurmat, bl-ebda mod, illi huwa kien se jiġi mkeċċi mill-impjieg tiegħu;*

8. *Illi l-proviso ta' Regolament 15(2), li dak iż-żmien kien Regolament 16, jipprovdi illi:*

> *"... jekk il-Kummissjoni tqis li l-piena xierqa wara l-kundama ta' ħtija ta' akkuża kriminali tkun waħda ta' tkeċċija... hija għandha tgħarraf lill-uffiċċjal bid-dritt tiegħu li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem minn meta jiġi mgħarraf u l-Kummissjoni għandha tikkonsidra dawn is-sottomissjonijiet... qabel ma tgħaddi biex tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru. "*

9. *Illi nhar it-12 ta' Novembru 2008, ir-rikorrent intavola appell minn din id-deċiżjoni, skond dak provdut f'Regolament Numru 30(1)(b) u (c) u dan sabiex id-deċiżjoni tal- Kummissjoni tiġi ddikjarata nulla u mingħajr effett u biex b'hekk l-atti jerġgħu jiġu rimessi lura lilha, sabiex id-deċiżjoni terġa' tittieħed mill-ġdid wara li l-każ jerġa' jiġi kkunsidrat (vide kopja annessa u mmarkata bħala Dok FZ2);*

10. *Illi nhar it-13 ta' Novembru 2009, ir-rikorrent irċieva ittra mingħand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li permezz tagħha ġie innotifikat illi l-Kummisjoni kienet irċeviet l-ittra tiegħu datata t-12 ta' Novembru 2008 (vide kopja annessa u mmarkata bħala Dok FZ3);*

11. *Illi r-rikorrent irċieva ittra oħra datata s-26 ta' Diċembru 2008 fejn il-Kummissjoni għarrfitu illi mhix f'posizzjoni sabiex tirrikonsidra l-proċedura li kienet ġiet addottata fil-konfront tar-rikorrent (vide kopja annessa u mmarkata bħala Dok FZ4);*

*12. Illi l-fatt illi r-rikorrent ma ngħata l-ebda opportunita sabiex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu jilledi wkoll d-dritt fundamentali tiegħu kif protetti bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*13. Illi l-istess rakkomandazzjoni ġiet segwita mill-Onorevoli Prim Ministru li sussegwentament ittermina l-impjieg tar-rikorrent;*

*Għaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tiddikjara illi ġie leż id-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq hekk kif stipulat hekk kif protett bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem;*

*2. Tiddikjara illi ġie leż id-dritt fundamentali għal smiegħ xieraq u dan stante li r-rikorrent ma ngħatax id-dritt li jiġi interrogat fil-preżenza ta' avukat;*

*3. Tagħti dawk ir-rimedji kollha xierqa u opportuni sabiex jiġi indirizzat dan il-ksur inkluż illi r-rakkomandazzjoni u t-tkeċċija fil-konfront tal-esponent jiġu ddikjarati nulli u bla effett u għaldaqstant l-esponent jiġi mqiegħed fi status quo ante.*

2. Rat illi fl-24 ta' Lulju 2020 l-**intimati** irrispondew għal dak mitlub billi qajmu is-segwenti difiżi:

*Illi fil-qasir il-lanjanzi tar-rikorrent huma fis-sens li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu minħabba nuqqas ta` smigħ xieraq fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontrih kif ukoll meta l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku irrakkomandat li l-istess rikorrent jitkeċċa mill-korp tal-pulizija u dan kollu allegatament bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta` Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Illi l-esponenti jirrespinġu dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda aġir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.*

*Illi bħala fatti jirriżulta li r-rikorrenti kien jaħdem bħala kuntistabbli fil-korp tal-pulizija u kellu n-numru PC 1608. Fis-26 ta` Marzu 2008 ir-rikorrent instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati li wettaq misapproprjazzjoni ta` fondi tal-Gvern u ġie ikkundannat għaxar xhur priġunerija sospiżi għal-sena u ordnat l-interdizzjoni perpetwa u ġenerali ai termini tal-Artikolu 190 tal-Kap 9. Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-17 ta` Settembru 2008. B`ittra datata 23 ta` Ottubru 2008 il-Kummissarju tal-Pulizija informa lir-*

*rikorrent li in vista ta` sejbien ta` ħtija hu tkeċċa mis-servizz u l-impjieg tiegħu itterminat b'effett mit-22 ta` Ottubru 2008 u dan wara li l-Prim Ministru approva r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni intimata sabiex ir-rikorrent jitkeċċa. Ir-rikorrent appella minn din id-deċiżjoni liema appell ġie miċħud b`deċiżjoni datata 26 ta` Diċembru 2008.*

*Dwar l-ilmenti tar-rikorrent jiġi rilevat minnufih li l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta` Malta jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. L-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'liġi.*

*Illi huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Bħala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċeduri relattivi għar-rikorrenti li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' proċess ġust u wisq inqas ma seħħet xi ċirkostanza li twassal għal flagrant denial of justice.*

*Illi speċifikatament dwar l-ilment li qajjem ir-rikorrent li hu ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjonijiet tal-pulizija jingħad bħala punt ta' dritt taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea nsibu l-jedd għal smigħ xieraq u mhux il-jedd għall-għajnuna ta' avukat qabel ma, jew waqt illi, tittieħed stqarrija. Ifisser dan, li jekk in-nuqqas ta' konsultazzjoni ma' avukat fil-mument tat-teħid tal-istqarrija ma ġġib l-ebda preġudizzju serju għall-akkużat fl-eżitu tal-proċeduri kriminali allura dan tal-aħħar ma jkollu l-ebda raġuni jinvoka ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq abbażi ta' dan in-nuqqas.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali għamlitha ċara f'ħafna sentenzi riċenti illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u ipso facto, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (ara inter alia* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmel Camilleri*** *tat-22 ta' Frar 2013,* ***Charles Stephen Muscat vs. Avukat Ġenerali*** *tat-8 ta' Ottubru 2012 u* ***Joseph Bugeja vs. Avukat Ġenerali*** *tal-14 ta' Jannar 2013), iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex l-istqarrija titqies li ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq;*

*Marbut ma` dan l-istqarrija ma tistax tiġi iżolata waħidha mill-bqija tal-kumpless tal-proċeduri kriminali. Kif ħafna drabi ngħad f'dawn iċ-ċirkostanzi, id-dritt tas-smigħ xieraq irid jiġi meqjus fil-kuntest tat-totalità tal-proċeduri kollha u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Tabilħaqq biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġieba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti. Wieħed ma jistax u mgħandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li ta' bilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq.*

*Illi di piu ix-xenarju ġurisprudenzjali dwar l-assistenza legali qabel u waqt l-interrogazzjoni reġa' inbiddel riċentament bil-kawżi* ***Beuze vs. Belgium, Farrugia vs. Malta, Farrugia vs. Malta u Stephens vs. Malta*** *u għalhekk żgur li fil-każ tar-rikorrent ma hemm l-ebda vjolazzjoni tal-jedd invokat u dank if ser jiġi spjegat iktar f`dettal waqt is-smigħ ta` din il-kawża.*

*Illi dwar il-kwistjoni l-oħra tat-tkeċċija mill-korp jingħad li l-proċedura adottata fil-każ in kwistjoni hija regolata b`liġi speċifika u ċioe` mil-Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 03 – Regolamenti tal-1999 tal-Kummissarju dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta` Dixxiplina) qabel ma ġiet emendata fis-sena 2017. Illi fil-proċeduri in diżamina fl-ebda ħin u fl-ebda moment ir-rikorrent ma ġie trattat b`mod differenti u lanqas ma jirriżulta li ġie mċaħħad minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalita` tagħhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm a fair hearing. Bil-fatt li l-Kummissjoni ma tatx raġun lir-rikorrenti żgur li dan waħdu ma jwassalx għal-ksur tal-jedd għal-smigħ xieraq.*

*Illi f`dan il-każ peress li r-rikorrent instab ħati mill-Qorti tal-Maġistrati fejn apparti kundanna ta' priġunerija ġiet ordnata wkoll l-interdizzjoni perpetwa u ġenerali tiegħu, dan ifisser li d-deċiżjoni li r-rikorrent jitkeċċa mill-Korp tal-Pulizija mhux biss kienet leġittima iżda fuq kollox inevitabbli. Dan qed jingħad għaliex l-interdizzjoni ġenerali perpetwa iġġib magħha l-konsegwenza li dak l-uffiċċjal li jinstab ħati ta' reat ma jistgħax jokkupa iktar kariga pubblika bħalma ċertament huma uffiċċjali tal-pulizija.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż.*

3. Rat illi fit-30 ta' Lulju 2020, il-Qorti ordnat lill-partijiet jippreżentaw id-dokumentazzjoni kollha.

4. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mir-rikorrent mar-rikors promotur.

5. Rat id-dokumentazzjoni ppreżentata mill-intimati fil-21 ta' Awissu 2020.

6. Rat illi fis-7 ta' Settembru l-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegħ għall-5 ta' Ottubru 2020.

**Provi:**

7. Rat l-affidavit ta' **Francois Zammit** ippreżentat fil-5 ta' Ottubru 2020 (fol 58).

8. Semgħet ix-xhieda ta' Natasha Magro, rappreżentanta tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, fil-25 ta' Novembru 2020 (fol 62).

9. Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Yurgen Vella, stazzjonat fit-Taqsima tar-Riżżorsi Umani tal-Pulizija, fil-25 ta' Novembru 2020 (fol 69).

10. Rat illi fil-25 ta' Novembru 2020 il-Qorti ddikjarat il-provi magħluqa.

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Francois Zammit ippreżentata fit-28 ta' Jannar 2021 (fol 75).

12. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati ippreżentata fit-29 ta' Marzu 2021 (fol 85).

**Fatti tal-każ**

13. Jirriżulta li r-rikorrent kien impjegat mal-Korp tal-Pulizija bħala kuntistabbli bin-numru tas-servizz 1608 u kien hekk impjegat għal tnax-il sena.

14. Jirriżulta li f'Lulju 2007, ir-rikorrent tressaq b'arrest akkużat b'diversi akkużi ta' misapproprjazzjoni u jikkontenti li, meta ġie arrestat, ma ngħatax id-dritt li jiġi interrogat fil-preżenza ta' avukat.

15. Permezz ta' sentenza datata 26 ta' Marzu 2008, ir-rikorrent instab ħati li wettaq misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Gvern, u ġie kkundannat għaxar xhur priġunerija sospiżi għal sena, u ordnat l-interdizzjoni perpetwa u ġenerali ai termini tal-Artikolu 190 tal-Kap 9.

16. Jirriżulta li din is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati kienet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Settembru 2008 wara illi r-rikorrent kien appella minn tali deċiżjoni.

17. Sussegwentement, ir-rikorrent irċieva ittra datata 23 ta' Ottubru 2008, fejn ġie infurmat li l-impjieg tiegħu ġie tterminat mal-Korp tal-Pulizija b'effett mit-22 ta' Ottubru 2008 billi l-Prim Ministru aġixxa skont ir-rakkomandazzjoni tal-Public Service Commission (Dok FZ1).

18. Jirriżulta li r-rikorrent intavola appell minn din id-deċiżjoni a tenur tar-Regolament Numru 30(1) (b) u (c) kif jidher minn Dok FZ2.

19. Sussegwentement, ir-rikorrent irċieva ittra datata 13 ta' Novembru 2009 mingħand il-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, fejn ġie infurmat li l-Kummissjoni irċeviet l-ittra tiegħu Dok FZ3.

20. Jirriżulta illi, madanakollu, permezz ta' ittra datata 26 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni infurmatu li mhijiex f'pożizzjoni li tirrikonsidra l-pożizzjoni tat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent Dok FZ4.

21. In segwitu, ir-rikorrent ipproċedew bil-każ odjern fejn qed jilmentaw minn leżjoni tad-dritt fondamentali ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**Ikkunsidrat**

22. Jirriżulta, mit-talbiet u l-premessi, illi r-rikorrent qiegħed permezz tal-azzjoni preżenti, jilmenta li sofra leżjoni tad-drittijiet tiegħu ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni  u kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

23. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati, qajmu s-segwenti difiżi:

    a. It-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, l-ebda dritt tar-rikorrent ma ġie leż.

    b. Ma sar xejn matul il-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent, li b'xi mod jinċidi fuq id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea titkellem dwar smiegħ xieraq u mhux dwar l-ilment tar-rikorrent li huwa ma kienx assistit waqt l-interrogazzjoni. Lanqas ma hemm ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

    c. Dwar it-tkeċċija mill-Korp tal-Pulzija, din hija regolata b'liġi speċifika u cioe` l-leġġislazzjoni Sussidjarja Kost 03 - Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku.

    d. Permezz tal-każ fejn ir-rikorrent ġie kkundannat għal priġunerija u interdizzjoni perpetwa u ġenerali, b'hekk  id-deċiżjoni li r-rikorrent jitkeċċa mill-Korp kienet inevitabbli. Konsegwentement, bil-fatt li  l-Kummissjoni ma tatx raġun lir-rikorrent, dan waħdu ma jwassalx għall-ksur ta' jedd ta' smiegħ xieraq.

**Mertu tal-każ.**

24. Ir-rikorrent qiegħed jikkontendi li d-drittijiet fundamentali tiegħu ġew leżi wara li ngħatat sentenza fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-26 ta' Marzu 2008, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Settembru 2008 fejn ġie deċiż u ngħata interdizzjoni ġenerali u perpetwa a tenur tal-Artikolu 190 tal-Kodici Kriminali.

25. Ir-rikorrent qed jibbaża l-ilment tiegħu fuq żewġ binarji.

    a. L-ewwel ilment tiegħu jirrigwarda l-fatt li ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogazzjoni tiegħu meta kien hemm l-akkużi fil-konfront tiegħu qabel ingħataw id-deċiżjonijiet suċitati.

    b. It-tieni ilment huwa li ġie tterminat l-impjieg tiegħu minn mal-Korp tal-Pulizija b'ittra datata 23 ta' Ottubru 2008. Huwa qed jilmenta prinċipalment mill-fatt li huwa ma ngħatax l-opportunita` jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu kif kellu d-dritt li jagħmel skont ir-Regolamenti tal-Proċedura ta' Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja Kost. 03), u l-impjieg tiegħu ġie tterminat minn mal-Korp.

26. Għalhekk, il-leżjoni tad-drittijiet fondamentali kif vantata mir-rikorrent a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u a tenur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea hija dwar nuqqas ta' smiegħ xieraq fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontrih, kif ukoll meta l-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku irrakkomandat li r-rikorrent jitkeċċa mill-Korp tal-Pulizija.

27. Ir-rikorrent, fis-sottomissjonijiet tiegħu sostna, li l-istqarrija li kien għamel huwa stess fl-interrogazzjoni, mingħajr ma kien assistit minn avukat, intużat kontrih.

28. L-intimati, mill-banda l-oħra, sostnew kemm fl-eċċezzjonijiet u fis-sottomissjonijiet, li l-fatt li persuna ma ngħatax dritt ta' avukat waqt l-interrogazzjoni minnu nnifsu ma jiksirx id-dritt ta' smiegħ xieraq, iżda jrid isir test tal-'overall fairness' tal-proċedura, u l-proċedura trid tiġi eżaminata fit-totalita` sħiħa tagħha. F'dan ir-rigward, saret referenza wkoll għall-każ **Beuze vs Belgium** (71409/10) deċiża mill-Qorti Ewropea fid-9 ta' Novembru 2018, fejn ingħad li f'każ ta' restrizzjoni għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju, ma jkunx hemm ksur għad-dritt għal smiegħ xieraq b'mod awtomatiku iżda jridu jsiru żewġ testijiet, ossija (1) test tal-eżistenza ta' 'compelling reasons' u f'każ li l-'compelling reasons' ma jirriżultawx, (2) it-test tal-'overall fairness' tal-proċedura.

**Konsiderazzjoni**

29. Tenut kont tal-fatti kif fuq indikati u l-argumenti mressqa miż-żewġ partijiet, din il-Qorti jeħtiġilha tistħarreġ hemmx ksur tal-jeddijiet invokati mir-rikorrent abbażi tal-fatti u ċ-ċirkostanzi kif jirriżultaw mill-assjem tal-provi u l-atti tal-każ.

30. **L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi:

> "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta' demokratika, meta l-interessi tal-miżuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorażament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *(2) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix ippruvat ħati skont il-liġi.*
>
> *(3) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin:*
>
> *(a) Li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u bid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu,*
>
> *(b) Li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*
>
> *(c) Li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew jekk ma jkollux meżżi biżżejjed li jħallas assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk,*
>
> *(d) Li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kondizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu,*
>
> *(e) Li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-Qorti."*

31. Dwar l-Artikolu 6 fuq imsemmi, l-Qorti tagħmel referenza għal dak li jgħidu l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick**, fil-ktieb "Law of European Covention on Human Rights" ingħad:

> *"A number of specific rights have been added to Article 6(1) through the medium of its 'fair hearing' guarantee. The first of these to be established were 'equality of arms' and the right to a hearing on one's presence. A breach of such a specific right may itself amount to a breach of the right to a 'fair hearing' without any need to consider other*

*aspects of the proceedings. As noted, in cases not involving a breach of a specific right, the Court may nonetheless find a breach of the right to a 'fair hearing' on a 'hearing as a whole' basis."*

32. L-**Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** jipprovdi:

(1) *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm il-darba l-akkuża ma tigix irtirata, jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn Qorti indipendenti u imparzjali imwaqqfa b'liġi."*

(2) *Kull Qorti jew awtorita` oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċedura għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti jew awtorita` oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*"

33. Fl-ewwel lok, jingħad li jinsab assodat fil-ġurisprudenza ta' Strasbourg kif ukoll ta' din il-Qorti, li biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smiegħ xieraq, huwa meħtieġ li l-Qorti tara u teżamina l-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi **fit-totalita` tagħha**.

34. Fil-każ **Van Mechelen and Others vs The Netherlands** deċiża mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fit-23 ta' April 1997, ingħad hekk:

*"When determining if there has been a breach of the right to a fair hearing the Court makes an evaluation of the fairness of the entire domestic proceedings.....This approach also enables the Court to consider whether defects in first instance proceedings have been rectified by subsequent appellate hearings......."*

35. Dan l-istess prinċipju ġie rikonoxxut u applikat mill-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ **Arrigo and Vella vs Malta** (6569/04) deċiża fl-10 ta' Mejju 2005, fejn ġie ribadit:

*"The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6(1) of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see* ***R.D. vs Spain*** *no. `5921/89, Commission decision of 1 July 1991). The Court noting that the criminal proceedings in question have not yet been completed, finds that the applicants` submissions do not disclose any such circumstances (See* ***Putz vs Austria*** *no. 18892/91 decision of 3rd December 1993)."*

36. Fil-każ **Dimech vs Malta** (34373/13) deċiża fit-2 ta' April 2015, ġie ritenut li f'każ ta' stħarriġ jekk il-proċedura ssodisfatx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea:

> *"The Convention organs have also consistently held that such an issue can only be deterimined by examining the proceedings as a whole, save where an event or particular aspect may have been signifcant or important that it amounts to a decisive factor for the overall assessment of the proceedings as a whole – pointing out, however, that even in those cases it is on the basis of proceedings as a whole that a ruling should be made as to whether there has been a fair hearing of the case(see inter alia **X vs Switzerland** no. 9000/80, Commission decision of 11 March 1982; **B vs Belgium** Commission decision of 3 October 1990)."*

37. Illi kif tajjeb sottomess mill-intimati fis-sottomissjonijiet, il-fatt li persuna ma kinitx ingħatat assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, minnu nnifsu ċertament ma jiksirx id-dritt ta' smiegħ xieraq, iżda jridu jirriżultaw ċirkostanzi oħra, konnessi ma' dawn l-elementi hawn fuq elenkati, biex jiġi mistħarreġ u meqjus li hemm ksur ta' jedd ta' smiegħ xieraq.

38. Kif ċitat fil-ġurisprudenza suċitata, il-proċedura fil-konfront tal-persuna trid tiġi eżaminata fit-totalita` tagħha. Relevanti ħafna huwa l-każ **Farrugia vs Malta** (63041/13) deċiża mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-4 ta' Ġunju 2019, fejn ġie konkluż is-segwenti:

> *"In conclusion, while very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court in the specific circumstances of the case, finds that having taken into accounts the combination of the various above mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer."*

39. Inoltre`, kif jirritjenu diversi awturi, bħal **Clayton R. & Tomlinson H**, 2001, Fair Trial Rights, Oxford pg 88-89, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jiggarantixxi d-dritt għal smiegħ xieraq li jinkorpora s-segwenti prinċipji:

> *"......the Strasbourg authorities have interpreted Article 6 as providing, aspects of general right to a fair hearing, the following implied rights:*
>
> *a) The right of access to the courts*
> *b) The right to be present to an adversarial hearing*
> *c) The right to equality of arms*
> *d) The right to a fair presentation of the evidence*

*e) The right to cross-examine, and*
*f) The right to reasoned judgement."*

40. Dawn l-istess prinċipji hawn fuq imsemmija huma garantiti wkoll bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

41. Il-Qorti tosserva li, fil-każ in eżami, ir-rikorrent, bl-ebda mod ma wera kif il-proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu setgħu ġew ippreġudikati peress illi ma ressaq ebda prova li turi li naqaslu xi wieħed minn dawn l-elementi msemmija u elenkati hawn fuq. Illi t-test tal-'overall fairness' huwa test sodisfatt fis-sistema tagħna.

42. Il-Qorti tirrileva li nonostante l-ilment tar-rikorrent, dwar in-nuqqas ta' assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni, ma jirriżulta minn imkien fl-atti li r-rikorrent ġie mhedded jew imqarraq waqt l-interrogazzjoni. Di piu`, lanqas jirriżulta li kien taħt pressjoni meta kien interrogat. Minbarra hekk jirriżulta li, dak deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) ġie sussegwentement ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminali u ma nġiebet ebda prova li turi li deċiżjoni kienet ibbażata unikament fuq l-istqarrija tar-rikorrent – di fatti, ebda kopja tad-deċiżjonijiet fuq imsemmija ma ġiet ippreżentata lil dina l-Qorti!

43. Il-Qorti wisq tibża illi r-rikorrent ressaq dana ilment in linea mal-prassi illi reċntement donnha ħakmet l-ambjent tal-kawżi kriminali fejn, b'regola ġenerali, wara li persuna jinstab ħati ta' reat kriminali, jitmexxew proċeduri Kostituzzjonali dwar nuqqas ta' dritt ta' avukat bit-tama illi d-deċiżjoni tal-Qrati Maltin jiġu mxekkla u mħassra.

44. Għaldaqstant, fuq dan l-ewwel ilment tar-rikorrent, il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent dwar in-nuqqas ta' assistenza waqt l-interrogatorju, mhuwiex kopert bil-protezzjoni mogħtija mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**L-ilment tar-rikorrent – Dwar it-Tkeċċija mill-Korp tal-Puliziija**

45. Ir-rikorrent sostna li huwa sofra leżjoni tad-drittijiet fondamentali ai termini tal-Artkolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea meta l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku irrakkomandat li hu jitkeċċa mill-Korp tal-Pulizija u ma tħalliex jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu dwar dan.

46. Minn naħa l-oħra, l-intimati sostnew fis-sottomissjonijiet, li r-rikorrent ġie mgħarraf bid-deċiżjoni li jitkeċċa mill-Korp tal-Pulizija għalkemm huwa qed jilmenta li ma ġiex mgħarraf bid-deċiżjoni. Inoltre`, ġie sottomess li r-rikorrent mhux biss instab ħati ta' reat Kriminali iżda ġiet imposta fuqu interdizzjoni ġenerali u perpetwa a tenur tal-Artikolu 190 tal-Kap 9 permezz tas-sentenza tal-Qorti, liema interdizzjoni tiskwalifika lill-individwu minn kariga ta' impjieg pubbliku.

47. Il-Qorti tibda biex tosserva li mhuwiex bl-ebda mod ikkontestat, li r-rikorrent, bħala persuna illi kien inkarigat jassikura li ma jseħħux reati, instab ħati ta' reat Kriminali permezz ta' deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Ġudikatura Kriminali) deċiża fis-26 ta' Marzu 2008, fejn ir-rikorrent ġie kkundannat għal perjodu ta' għaxar xhur priġunerija sospiżi għal sena u ġiet ukoll ordnata l-interdizzjoni perpetwa u ġenerali tar-rikorrent. Dan il-każ ġie kkonfermat fl-intier mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Settembru 2008.

48. Il-Qorti tqis illi tajjeb li jiġi puntwalizzat li l-**Artikolu 190 tal-Kap 9** jistipula:

> *"Fid-delitti kollha ta' falsifikazzjoni magħmulin minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, il-piena tal-interdizzjoni ġenerali perpetwa għandha dejjem tiżdied mal-piena stabbilita għad-delitt."*

49. Din il-Qorti tosserva, li in segwitu għad-deċiżjoni tal-Qorti, r-rikorrent kellu a disposizzjoni tiegħu rimedju għal appell u reviżjoni tal-piena tal-interdizzjoni perpetwa, u dana a tenur tal-**Artikolu 10(6) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta** li tgħid:

> *(6) L-interdizzjoni, sew jekk perpetwa jew temporanja, tista' fuq ir-rikors tal-persuna ikkundannata għal dik il-piena u meta jidher li hemm raġunijiet tajba għas-sodisfazzjon tal-Qorti li tkun tat is-sentenza, tieqaf f'kull żmien li jkun b'ordni tal-imsemmija Qorti.*

50. Ir-rikorrent seta' jipproċedi biex jikkontesta l-interdizzjoni ordnata – huwa naqas milli jagħmel dan!

51. Din il-Qorti setgħet faċilment tieqaf hawn. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi xorta għandha tindaga dwar l-ilment Kostituzzjonali tar-rikorrent fil-każ odjern peress illi minkejja li r-rikorrent ma eżawriex ir-rimedji kollha lilu mogħtija, din il-Qorti tkun qiegħda tonqos jekk ma tesplorax il-lanjanza Kostituzzjonali mressqa mir-rikorrent f'dan il-każ.

52. Din il-Qorti tibda billi tissottolinea li għar-reat addebitat lir-rikorrent, u għall-piena li ngħata, ma kienx hemm għażla oħra lill-Qorti li ddeċidiet il-każ ħlief li tagħti lir-rikorrent l-interdizzjoni perpetwa.

53. Jiġi osservat li għal dak li jirrigwarda impjieg, l-interdizzjoni perpetwa toħloq skwalifika fuq kull kariga jew impjieg pubbliku bir-riżultat illi persuna interdetta ma tkunx tista' jkollha aktar impjieg fis-settur pubbliku. Dik hija konsegwenza diretta tal-interdizzjoni perpetwa u ġenerali. Għalhekk, l-ilment tar-rikorrent irid jitqies minn din l-ottika.

54. Jirriżulta li, fil-każ odjern, ir-rikorrent irċieva ittra datata 23 ta' Ottubru 2008, fejn ġie infurmat mill-Kummissarju tal-Pulizija, li huwa ġie mkeċċi u tterminat mill-impjieg b'effett mit-22 ta' Ottubru 2008. Dan jidher li sar in segwitu tas-sentenza

u bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru wara li hekk ġie rrakkomandat mill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku.

55. Jirriżulta illi, sussegwentement, fit-12 ta' Novembru 2008, ir-rikorrent intavola appell a tenur tar-regolament numru 30 (1) (b) u (c) sabiex id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tiġi ddikkjarata nulla u bla effett (Dok FZ2).

56. Jirriżulta illi b'ittra datata 26 ta' Diċembru 2008, il-Kummissjoni infurmat lir-rikorrent li mhijiex f'posizzjoni li tirrikonsidra l-proċedura li ttieħdet fil-konfront tar-rikorrent. (Dok FZ4).

57. Jidher illi huwa proprju konsegwenza ta' din l-ittra tas-26 ta' Diċembru 2008 illi r-rikorrent qed jilmenta li ġew leżi d-drittijiet tiegħu għal smiegħ xieraq peress illi jikkontendi li l-Kummissjoni ma żammitx mar-regolamenti fil-Leġislazzjoni Sussidjarja Kost 03 Regolamenti dwar is-Servizz Pubbliku.

58. L-ilment tar-rikorrent huwa prinċipalment ippernjat fuq dan u fuq dak li jingħad fir-Regolament 15(2) li dak iż-żmien kien Regolament 16, tar-Regolamenti ta' Proċedura u Dixxiplina tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja Kost.03). Dan l-artikolu jipprovdi:

> *"......jekk il-Kummissjoni tqis li l-piena xierqa wara l-kundanna ta' ħtija ta' akkuża kriminali tkun waħda ta' tkeċċija.....hija għandha tgħarraf lill-uffiċċjal bid-dritt tiegħu li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub lill-Kummissjoni fi żmien għaxart ijiem minn meta jiġi mgħarraf u l-Kummissjoni għandha tikkonsidra dawn is-sottomissjonijiet.....qabel ma tgħaddi biex tagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Prim Ministru.*

59. Il-Qorti tosserva illi dan ir-regolament huwa ċar u ma jħallix ebda lok għal interpretazzjoni jew dubju. Il-Kummissjoni kellha l-obbligu, skont dan ir-Regolament, li tgħarraf lill-uffiċċjal bid-dritt tiegħu li jagħmel is-sottomissjonijiet fi żmien għaxart ijiem minn meta ġie mgħarraf, qabel ma tagħmel rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru għat-tkeċċija tal-uffiċjal.

60. Jidher ċar, mill-provi, li din l-opportunita` sabiex ir-rikorrent jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu qabel l-ittra tat-tkeċċija, ma ngħatax lilu. Dan jinsab ikkonfermat ukoll fix-xhieda tal-Compliance Office Natasha Magro li kkonfermat li din il-proċedura tas-sottomissjonijiet ma ġietx segwita f'dan il-każ.

61. Il-Qorti hawnhekk tqis illi għandu jiġi puntwalizzat li dak li qed tissindika din il-Qorti huwa jekk kienx hemm ksur ta' dritt ta' smiegħ xieraq a tenur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, kif vantat mir-rikorrent.

62. Huwa minnu li jeżisti nuqqas da parti tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, fejn inqabeż pass fil-proċedura billi r-rikorrent ma ngħatax terminu ta' żmien ta'

għaxart ijiem kif stipulat sabiex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu qabel ma rċieva l-ittra tat-tkeċċija mill-impjieg tiegħu.

63. Madankollu, meta wieħed jeżamina ċ-ċirkostanzi u r-riżultanzi fattwali kronoloġikament, jirriżulta li r-rikorrent ingħata sentenza ta' piena u ta' interdizzjoni b'deċiżjoni tal-Qorti li ġiet ikkonfermata fl-istadju tal-Appell u għalhekk, irrispettivament minn dak illi setgħet taħseb jew tikkunsidra l-Kummissjoni u irrispettivament minn kull sottomissjoni illi seta' jagħmel r-rikorrent, huwa kien prekluż milli jkollu kariga pubblika riżultat tas-sentenzi tal-Qorti, w il-kariga ta' Kuntistabbli hija dik ta' Uffiċċjal Pubbliku.

64. Ir-rikorrent seta' jipproċedi biex iwaqqaf l-interdizzjoni ordnata, a tenur tal-Artikolu 10(6) tal-Kap 9, ħaġa illi huwa ma għamilx.

65. Il-Qorti tirrileva li, fil-proċeduri odjerni, il-Qorti qiegħda tintalab mhux sabiex tevalwa u tiddeċiedi dwar jekk sarx żball amministrattiv da' parte tal-Kummissjoni intimata, li jidher li attwalment sar, iżda qiegħda tintalab li tiddeċiedi jekk ġiex leż dritt fundamentali tar-rikorrent riżultat ta' tali żball amministrattiv.

66. Madanakollu, abbażi ta' dawn il-fatti u ċirkustanzi kif fuq indikati, il-Qorti ma tistax tasal għall-konklużjoni li n-nuqqas da parti tal-Kummissjoni tipprekludi d-dritt ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent. F'każ li r-rikorrent għamel is-sottomissjonijiet tiegħu lill-Kummissjoni, l-eżitu aħħari kien ser iwassal għall-istess konklużjoni, ossija għar-rakkomandazzjoni lill-Prim Ministru sabiex l-impjieg tar-rikorrent mas-settur pubbliku jiġi tterminat, għaliex dan l-eżitu huwa determinat bil-liġi – il-Kummissjoni w il-Prim Ministru ma' kellhom ebda għażla oħra, għax il-Qrati kienu ħarġu l-ordni tagħhom li għandha tiġi rispettata minn kullħadd!

67. Għalhekk, għalkemm jirriżulta li kien hemm nuqqas fil-proċedura adoperata mill-Kummissjoni, billi tħalla barra l-istadju fejn ir-rikorrent seta' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub qabel toħroġ l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, tali sottomissjonijiet xorta ma kien ser ikollhom ebda eżitu favorevoli għar-rikorrent fid-dawl tal-interdizzjoni perpetwa u ġenerali ordnata lir-rikorrent, fejn ma kenitx teżisti triq oħra għall-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, ħlief li tagħmel ir-rakkomandazzjoni tagħha lill-Prim Ministru, kif fil-fatt għamlet, sabiex l-impjieg tar-rikorrent fil-Korp tal-Pulizija jiġi tterminat.

68. In vista tas-suespost, u għall-motivi spjegati, ma jirriżultax li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, la taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

69. Għaldaqstant, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-intimati u tiċħad it-talbiet tar-rikorrent.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli avukati difensuri tar-rikorrent u tal-intimati;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrent**.**

In vista ta' dak espress fis-sentenza, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha tal-partijiet f'din il-kawża.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur